MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 944/2003

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)

vs

Stephen Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identità numru 315975M, akkuzat talli:

1. fit-8 ta’ Frar 2003 xi hin matul il-gurnata fi Triq De Paule, f’Attard ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa vettura numru ta’ registrazzjoni FBN786 fosthom ‘hifi’ liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf Lira Maltin u bin-natura tal-haga misruqa, u sar ghad-detriment ta’ Anthony Schembri;

2. kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenzi datati 29 ta' Settembru, 2000 u 11 ta' Lulju, 2001 fejn kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin f'kull kaz;

3. irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fuq liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzat hu mixli b'serq ta' 'stereo' minn vettura b'numru ta' registrazzjoni FBN786. Jirrizulta li l-valur tal-oggett misruq hu ta' Lm110 ekwivalenti ghal €256. Is-serq huwa aggravat b'zgass u valur.

Issa, apparti l-ammissjoni tal-lum mill-akkuzat m'hemm xejn aktar li jikkolega dina s-serqa ma' l-akkuzat. Ghandu jinghad li l-akkuza tirrisali ghas-sena 2003 u l-ammissjoni tal-lum ghalhekk hi tardiva b'aktar minn sitt snin. Jinghad ukoll li fil-kors tal-proceduri kien gie nominat espert tal-impronti digitali biex issir komparazzjoni ma impronti li kienu gew elevati mill-vettura in kwistjoni izda mhux fl-ambitu ta' inkjesta magisterjali. L-ezami komparattiv kellu ezitu negattiv fis-sens li l-impronti elevati ma qablux ma' dawk tal-akkuzat. 'A tempo vergine' l-akkuzat kien ukoll cahad li kien hu li wettaq is-serqa u kien anka ippresta ruhu biex ta l-impronti digitali tieghu lill-pulizija.

Illi dan qieghed jinghad fid-dawl tal-piena li dina l-Qorti sejra issa timponi fuq l-akkuzat.

Ghaldaqstant fil-waqt li fuq ammissjoni ssibu hati qeghdha tapplika bhala piena l-Artikolu 7 tal-Kap 446, anka minhabba l-precedenti tieghu ta’ serq, b’dan li tpoggih taht il-harsien ta’ Ufficjal ta’ Probation ghall-perjodu massimu ta’ tlett snin mill-lum u dan wara li rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 267, 278, 279(a).

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------